Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Ġunju 2023**
**(OR. en)**

**10504/23**

**PECHE 240**
**ENV 676**
**POLMAR 32**
**ENER 352**
**UK 122**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pakkett tal-politika tas-sajd – għal settur tas-sajd u tal-akkwakultura sostenibbli, reżiljenti u kompetittiv |

1. Fil-21 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill pakkett tal-politika tas-sajd, li fih tliet komunikazzjonijiet u rapport wieħed[1], li għandu l-għan li jtejjeb is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE. L-erba' dokumenti jikkomplementaw lil xulxin, peress li jindirizzaw aspetti differenti tal-Politika Komuni tas-Sajd u jipproponu miżuri mmirati lejn is-sajd u l-komunitajiet kostali, l-ekosistema tal-baħar, il-governanza u l-innovazzjoni.

2. Wara skambju ta' fehmiet fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-20 ta' Marzu 2023[2], il-Presidenza bdiet taħdem fuq konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan il-pakkett.

[1] Dokumenti ST 6716/23 + COR 1 + ADD 1 REV 1 + COR 1, ST 6690/23 + COR 1, ST 6689/23 + COR 1, ST 6691/23 + COR 1

[2] Dokument ST 7207/23

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd iddiskuta l-ewwel abbozz[3] fl-20 ta' April u r-reviżjonijiet sussegwenti tiegħu fil-11 ta' Mejju u fil-25 ta' Mejju 2023. Id-delegazzjonijiet ippreżentaw kummenti bil-miktub matul il-proċess kollu[4]. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd iddiskuta abbozz finali[5] fil-15 ta' Ġunju 2023 fejn wara ntlaħaq qbil preliminari permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub dwar it-test kif jinsab fid-dokument ST 8303/4/23 REV 4, b'modifika addizzjonali fil-paragrafu 57.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test; u
- jirrakkomanda li l-Kunsill japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pakkett tal-politika tas-sajd kif jinsab fid-dokument ST 10505/23.

---

[3] Dokument ST 8303/23
[4] Dokumenti ST 8612/23 + ADD 1-2, ST 9646/23 + ADD 1, 10006/23 + ADD 1
[5] Dokument ST 8303/3/23 REV 3